

32003L0111

L 311/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

27.11.2003

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/111/KEE****tas-26 ta' Novembru 2003**

**li temenda l-Anness II mad-Direttiva 92/34/KEE dwar il-marketing ta' materjal ta' tnissil ta' pjanti tal-frott u pjanti tal-frott intenzjonati għal produzzjoni ta' frott**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il-bejgħ (marketing) ta' materjal ta' tnissil ta' pjanti tal-frott u pjanti tal-frott intenzjonati għal produzzjoni ta' frott (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 92/34/KEE tistabbilixxi dispożizzjonijiet Komunitarji għall-bejgħ (marketing) ta' materjal ta' tnissil ta' pjanti tal-frott u pjanti tal-frott intenzjonati għal produzzjoni tal-frott ġewwa l-Komunità. Tapplika għal genera u speċi elenkti fl-Anness II ma' dik id-Direttiva.
- (2) Ċerti genera u speċi ta' frott li preżentement mhumiex inklużi fl-Anness II tad-Direttiva 92/34/KEE kibru fl-importanza ekonomika. Minħabba f'hekk, huwa xieraq li issa jkunu inklużi fil-genera u speċi elenkti fl-Anness II ma' dik id-Direttiva. Il-genera u speċi li ġejjin għandhom ikunu inklużi: Castanea sativa Mill., Ficus carica L., Fortunella Swingle, Poncirus Raf. and Vaccinium L. Barramindan, l-ispeċi Citrus, l-ispeċi Fragaria, l-ispeċi Pyrus, l-ispeċi Ribes, u l-ispeċi Rubus għandhom jiżdiedu maċ-Citrus (L.) Osbeck, C. limon (L) Burm. f., C. reticulata Blanco, C. paradisi Macf., C. aurantifolia (Christm.) Swing, Fragaria x ananassa Duch. (frawla), Pyrus communis L., Ribes (passolina ħamra) u Rubus (tuta), u Cydonia Mill. Għandhom ikunu ssostitwiti b'Cydonia oblonga Mill.
- (3) Fl-interess taċ-ċarezza, il-lista fl-Anness II mad-Direttiva 92/34/KEE għandha tkun issostitwita b'lista ġidida li tinkludi il-genera u speċi kollha fordni alfabetiku b'isimhon botaniku.
- (4) Id-Direttiva 92/34/KEE għandha għalhekk tkun emendata għal dan il-ġhan.
- (5) Il-miżuri li tipprovd għalihom din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' Materjal ta' Tnissil u Pjanti ta' Genera u Speċi ta' Frott,

**ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:****L-Artikolu 1**

L-Anness II mad-Direttiva 92/34/KEE huwa ssostitwit bit-test fl-Anness ma' din id-Direttiva.

**L-Artikolu 2**

1. Stati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ruħhom ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Ottubru 2004 l-iktar tard. Huma għandhom jikkomunikaw mill-ewwel (fil-pront) lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta Stati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Stati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza tali

2. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liggi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

**L-Artikolu 3**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-20 jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

**L-Artikolu 4**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 2003.

**Għall-Kummissjoni**

David BYRNE

**Membru tal-Kummissjoni**

(¹) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

## L-ANNESS

## "L-ANNESS II

**LISTA TA' GENERA U SPEĊI LI GHALIOM TAPPLIKA DIN ID-DIRETTIVA**

Castanea sativa Mill.	Prunus amygdalus Batsch
Citrus L.	Prunus armeniaca L.
Corylus avellana L.	Prunus avium (L.) L.
Cydonia oblonga Mill.	Prunus cerasus L.
Ficus carica L.	Prunus domestica L.
Fortunella Swingle	Prunus persica (L.) Batsch
Fragaria L.	Prunus salicina Lindley
Juglans regia L.	Pyrus L.
Malus Mill.	Ribes L.
Olea europaea L.	Rubus L.
Pistacia vera L.	Vaccinium L."
Poncirus Raf.	

---